# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 14 ta' Mejju 2017

Il-V Ħadd tal-Għid

Sena A

**Introduzzjoni**

F'dan il-Ħames Ħadd tal-Għid il-liturġija tistedinna sabiex infaħħru lil Alla tagħna għall-ħwejjeġ kbar li HU għamel magħna.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Atti 6, 1-7)

L-għażla tas-seba' dixxipli wasslet biex il-kelma ta' Alla kompliet tixtered aktar.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 32 (33), 1-2.4-5.18-19.)

Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna, kif fik hi t-tama tagħna

*jew*

Hallelujah, hallelujah, hallelujah

**It-Tieni Qari** (1 Piet 2, 4-9)

Aħna lkoll ġejna magħżula sabiex inxerrdu l-messaġġ ta' Kristu.

Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Ġw 14, 1-12)

Jeħtieġ li lkoll kemm aħna ma nħallux lil qalbna titħawwad għax Ġesù hu t-triq, il-verità u l-ħajja.

Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Il-fidwa li tana Alla hi għajn ta' ferħ bla tmiem u twassalna biex inroddulu ħajr.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Ejjew inwieġbu għall-istedina li qed jagħmlilna Ġesù biex HU jiġi jgħammar ġo fina.

Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.